MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 658/2005

**Wenzu Borg (464049 M)**

**Vs**

**Benny Farrugia (899652 M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm437) rapprezentanti kontijiet ta' dawl u ilma li l-konvenut naqas milli jhallas meta kien jokkupa l-fondijiet "St Ives", numru 54, Flat 1, Triq is-Silla, M'Scala u "St Ives", numru 54, Flat 2, Triq is-Silla, M'Scala b'titolu ta' kera.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Interpellatorja tat-23 ta' Gunju, 2004 u bl-interessi sad-data tal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Adrian Muscat Azzopardi jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------